# LIL DUN KARM

## (L-għada ta' Mewtu)

Ta' JOE MEJLAK

Indhext, skantajt, meta jien smajt li inti,
Maħbub Dun Karm, Poeta Nazzjonali,
Ħallejtna. U bkejt it-telfa kiefra tiegħek,
U qalbi mtliet b'hemm kbir, tiġrib u għali.

Malta ħassitha t-telfa kiefra tiegħek,
U dmugħ li jaħraq ġelben ma' ħaddejja
Għax kienet taf xi jsarraf lil min tilfet,
Għalhekk xarrbet imdejqa ħbub għajnejha.

Int kont, għadek, u tibqa' ġewwa qalbna
Maħbub poeta; xejn le ma jnessina
Kemm l-għaraq ta' ħidmitek xarrab ġbinek
Sabiex xogħlijiet kbar tagħraf tagħtina.

Ta' dan aħna nħallsuk poeta tagħna,
Għax għalkemm int ħallejtna, tibqa' magħna!